MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 220/2009

**Brian Tyre Services Limited (C-12015)**
**vs**
**Aaron Chetcuti ( K.I. 175189M)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal kundanna tal-konvenut ghas-somma ta' tlett elef u sebgha u ghoxrin ewro (€3027) rapprezentanti bilanc ta' prezz minn somma akbar naxxenti minn xiri ta' vettura mill-konvenut minghand is-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici gja interpellat lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont pretiz permezz ta' zewg ittri legali datati 6 ta' Jannar, 2009 u 29 ta' Jannar, 2009 rispettivament izda inutilment.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji datati 6 ta' Jannar, 2009 u 29 ta' Jannar, 2009 u bl-imghax legali mid-data tar-ricevuta u cioe' mis-26

ta' Settembru, 2008 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konevut illi l-ammont pretiz m'huwiex dovut stante li kien hemm novazzjoni;

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri legali datati 6 u 29 ta' Jannar, 2009.

Sema' x-xhieda ta' Noel Gauci, Joseph Hili u Aaron Chetcuti.

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkunsidra:**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet jaqblu li kien hemm bejgh ta' vettura Honda Civic fis-16 ta' Settembru, 2009 ghal prezz ta' €14,672 u li taghha l-konvenut kien hallas €11,647 tramite 'bank transfer' direttament lill-Noel Auto Dealer u ghalhekk kien fadal bilanc ta' €3027 x'jithallas mill-konvenut. Qabblu ukoll illi l-konvenut kien ta' lis-socjeta' attrici vann Bedford bi tpacija u li l-ammont ta' €3025 kellu jithallas wara. Il-partijiet qablu ukoll li xahar wara l-konvenut kien radd lura l-Honda Civic lil Noel Gauci ghas-socjeta' attrici u Noel Gauci kien offrilu Renault Megane minflok il-Honda Civic. Il-konvenut kien accetta din il-vettura minflok l-ohra, izda skont il-konvenut huwa ma riedx jaghmel iktar spejjez u Noel Gauci kien assigurah li ma kienx ha jinkorri iktar spejjez. Id-dizgwid inqala' meta l-attur qal illi l-konvenut kien ghad fadal jaghtih €3027. Il-konvnenut ikkontenda li qal lil Noel Gauci li huwa ma riedx johrog iktar flus. Mill-provi tal-konvenut irrizulta li Noel Gauci kien qallu li r-Renault Megane kienet tiswa' inqas izda mill-provi

attrici jirrizulta li l-konvenut kellu jkompli ihallas lill-attur s-somma rimanenti fuq il-vettura l-ohra ghaliex ir-Renault Megane giet tiswa’ daqs l-Honda Civic.

Illi skont Joseph Hili impjegat tas-socjeta’ attrici ikkonferma li xi zmien wara l-konvenut irrestitwixxa l-Honda Civic u ha r-Renault Megane minflok. Huwa kkonferma li r-Renault Megane kienet tiswa inqas mill-Honda Civic izda qal ukoll li meta l-konvenut ha r-Renault Megane kienet bil-kundizzjoni li jhallas il-bilanc rimanenti fuq il-vettura l-ohra. Fix-xhieda ta’ Hili jirrizulta li qal illi dak iz-zmien ir-Renault Megane kienet tiswa’ approssimament €10,000 u l-Honda kienet tiswa €14,675. Fi kliemu huwa qal li ‘r-Renault Megane kienet tiswa €10,000… tajnih *alloy wheels* li kienu jiswew LM500 ta’ dak iz-zmien…. u il-Honda konna bieghejnilhu xi LM5,000… jista’ jkun LM6,300 ta’ dak iz-zmien.’ Skont Noel Gauci qal illi r-Renault Megane kienet tiswa’ daqs il-Honda Civic u skont il-konvenut ir-Renault Megane kienet tiswa’ inqas tant illi huwa kien tal-fehma illi ma kellu jaghti xejn aktar lis-socjeta’ attrici.

It-Tribunal jirrilleva li l-uniku dokument ipprezentat mill-attur jinsab a fol. 23 dokument NG1 fejn hemm indikat valur tal-Honda Civic fis-somma ta’ €14,672, li minnu thallset is-somma ta’ €11,645. Kienu ftehmu li jonqos li jithallas bilanc ta’ €3027. Illi imkien fuq id-dokument datat 26 ta’ Settembru, 2009 ma gie imsemmi il-valur tat-tpacija tal-vann Bedford.

Jirrizulta lit-Tribunal li l-verzjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti. Illi x-xhud tas-socjeta’ attrici Joseph Hili, mpjegat mas-socjeta’ attrici, ikkonferma li l-konvenut kien ha r-Renault Megane bil-kundizzjoni li jhallas il-bilanc ta’ tlett elef ewro li kien fadal fuq il-kont l-iehor tal-Honda Civic. Qal ukoll illi r-Renault Megane kienet tiswa’ kwazi €4660 , fi kliem tieghu ‘xi elfejn lira maltin’ inqas

mill-Honda Civic . Il-konvenut qatt ma hallas il-bilanc ta' €3027 ghaliex dehrlu li ma kellux jaghti xejn iktar lis-socjeta' attrici peress illi l-Megane kienet tiswa inqas mill-Honda Civic liema vettura giet acectata lura mill-attur.

It-Tribunal jirrilleva li s-socjeta' attrici qeghda tibbaza l-provi taghha fuq dokument uniku li jindika li jezisti bilanc ta' €3027 li ghandu jithallas mill-konvenut fuq il-vettura Honda Civic. Joseph Hili ikkonferma li Noel Gauci kien ftiehem illi l-konvenut kien ha jithalla jirrestitwixxi l-Honda Civic bil-kundizzjoni li jhallas il-bilanc ta' €3027 rimanenti. Illi filwaqt illi f'mohh il-konvenut huwa ma kien fadallu ihallas xejn aktar lis-socjeta' attrici, s-socjeta' attrici ippretendiet is-saldu tad-debitu dovut skont dokument NG1 fejn kien fadal bilanc ta' €3027 meta l-istess vettura giet restitwita lilu. Illi ma jirrizultax illi nhareg xi dokument iehor minn naha tas-socjeta' attrici ghall-vettura Renault Megane.

Noel Gauci kien wieghed lill-konvenut illi huwa ma kienx ha jtellfu flus. Dwar is-sett ta' *alloy wheels* Noel Gauci qal illi huwa kien irregalahom lill-konvenut ghalkemm kienu jiswew circa €1100, filwaqt li l-konvenut qal illi huwa kien ra dawn l-*alloy wheels* fuq il-vettura qabel ma ha pussess taghha.

Illi quddiemu t-Tribunal ghandu talba ghal hlas ta' bilanc ghall-vettura li giet restitwita wara xahar bi qbil mas-socjeta' attrici. Kif appena l-vettura giet restitwita lil Noel Auto Dealer, l-obbligu tal-konvenut gie maqtul. Il-konvenut ha vettura ohra izda s-socjeta' attrici ghazlet li ma tohrogx dokumentazzjoni ghal din it-transazzjoni l-gdida.

Is-socjeta' attrici kien imessa ddokumentat it-transazzjoni u semmiet valur fuq il-vettura Renault Megane u ma thallix bilanc fuq tranzazzjoni liema bilanc kgie maqtul mar-restituzzjoni ta' l-istess

vettura fl-istess kundizzjoni li kien hada xahar qabel. Illi in konkluzjoni, s-socjeta’ attrici naqset meta ma ddokumentatx it-tieni vettura bil-valur taghha.

Illi skont il-provi imressqa quddiemu, id-dokument ezebit jindika bilanc ghal vettura , liema vettura giet restitwita. Illi s-socjeta’ attrici dehrilha li ma kellhiex bzonn taghmel karti godda ghal vettura Renault Megan li ha l-konvenut minflok il-Honda Civic izda ippretendiet l-bilanc rimanenti fuq d-dokument NG1 fejn hemmindikat it-transazzjoni tal-vettura Honda Civic.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta’ attrici hadet lura l-vettura fl-istess stat li kienet mibjugha xahar qabel, bil-kundizzjoni li l-konvenut ma kellux jitlef flus fuqha. Illi gie stabbilit li l-Honda Civic kienet tiswa iktar flus mir-Renault Megane fiz-zmien li saru t-transazzjonijiet. Illi l-konvenut fil-hin li rrestitwixxa l-vettura Honda Civic il-bilanc pendenti fuq dik il-vettura gie annullat partikolarment meta t-Tribunal huwa konvint illi t-tieni vettura li ha l-konvenut kienet tiswa’ inqas mill-Honda Civic.

It-Tribunal jidhirlu li jekk kemm-il darba s-socjeta’ attrici dehrilha li l-konvenut kien debitur lejha ghall-ammont iehor wara li huwa rrestitwixxa l-vettura kellha l-obbligu li tipprezenta lill-konvenut b’dokumentazzjoni ta’ din l-ahhar transazzjoni, haga li ma saritx.

Illi dwar l-eccezzjoni ta’ novazzjoni t-Tribunal huwa tal-fehma illi dan il-kaz jaqa’ taht l-istituzzjoni tan-novazzjoni peress illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li ‘*novazzjoni hu ftehim li permezz tieghu l-partijiet jiddeterminaw l-effett estintiv-kostituttiv intervenut fuq ir-rapport li jew ghadu ma giex attwat jew mhux ghal kollox attwat.’* (decizjoni mill-Qorti ta’ l-Appell Civili fit-22 ta’ Gunju 2005 fl-ismijiet *Joanna Briffa vs Bernard Gauci et*). Illi in oltre l-artiklu 1181 tal-kapitlu 16

tal-Kodici Civili jispecifika li '*ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula ghalkemm tigi mbiddla'*. Fil-kaz odjern, meta l-konvenut rrestitwixxa il-vettura Honda Civic l-obligazzjoni l-qadima giet maqtula.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi mressqa quddiemu jiddikjara li s-socjeta' attrici ma ppruvatx il-kaz taghha u jiddikjara li l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici huma nfondati ghaliex it-Tribunal huwa konvint illi fil-mument li l-konvenut irrestitwixxa l-vettura Honda Civic bl-approvazzjoni tas-socjeta' attrici fl-istess stat li kien hada, il-bilanc li kien fadal fuq dik il-vettura gie saldat u l-obbligu tal-konvenut fuq dik-il vettura gie maqtul.  Illi t-Tribunal jemmen illi l-verzjoni tal-konvenut hija dik l-iktar veritjera meta qal illi r-Renault Megane kienet tiswa' inqas u dan kif intqal ukoll mix-xhud tas-socjeta' attrici, Joseph Hili.

Is-socjeta' attrici bbazat il-provi taghha fuq dokument li gie estint malli l-vettura Honda Civic giet accetta lura mis-socjeta' attrici u ghalhekk s-socjeta'attrici ma tistax tibbaza talba fuq dak id-dokument. Jekk kemm-il darba s-socjeta' attrici dehrilha li l-konvenut kien debitur lejha ghal xi somma ulterjuri fuq oggett iehor li nbiegh lill-konvenut dan kellu jigi dokumentat bhala transazzjoni gdida u li taghha hemm valur gdid.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------